

Brussell, 19 ta' Ġunju 2026
(OR. en)

10902/26

Fajl Interistituzzjonali:
2026/0175 (NLE)

ECOFIN 864
UEM 288
FIN 929
ECB
EIB

PROPOSTA

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	19 ta' Ġunju 2026
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2026) 316 final
Suġġett:	Proposta għal DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-15 ta' Diċembru 2022 dwar l-approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza għall-Ungerija

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2026) 316 final.

Mehmuż: COM(2026) 316 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 19.6.2026
COM(2026) 316 final

2026/0175 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL

**li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-15 ta' Diċembru 2022 dwar l-
approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza għall-Ungerija**

{SWD(2026) 171 final}

Proposta għal

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL

li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-15 ta' Diċembru 2022 dwar l-approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza għall-Ungerija

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2021/241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Frar 2021 li jstabbilixxi l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza¹ u b'mod partikulari l-Artikolu 20 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Wara l-preżentazzjoni tal-pjan nazzjonali għall-irkupru u r-reżiljenza (l-“RRP”) mill-Ungerija fil-11 ta' Mejju 2021, il-Kummissjoni pproponiet il-valutazzjoni pożittiva tagħha lill-Kunsill. Il-Kunsill approva l-valutazzjoni pożittiva permezz tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tal-15 ta' Diċembru 2022².
- (2) Fil-31 ta' Awwissu 2023, l-Ungerija ppreżentat RRP nazzjonali modifikat, inkluż kapitolu tar-REPowerEU f'konformità mal-Artikolu 21c tar-Regolament (UE) 2021/241, lill-Kummissjoni. Il-Kunsill approva l-valutazzjoni pożittiva permezz tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-8 ta' Diċembru 2023³.
- (3) Fl-10 ta' Ġunju 2026, l-Ungerija ressqet talba motivata lill-Kummissjoni sabiex tagħmel proposta biex temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tal-15 ta' Diċembru 2022, f'konformità mal-Artikolu 21(1) tar-Regolament (UE) 2021/241, fuq il-bażi li l-RRP ma għadux jista' jintlaħaq kompletament minħabba ċirkostanzi oġġettivi kkawżati minn żidiet fil-kostijiet li jirriżultaw mill-volatilità tal-prezzijiet tal-enerġija, bidliet mhux mistennija fiċ-ċirkostanzi ġeopolitiċi, sfidi mhux previsti fl-implimentazzjoni, dewmien li jirriżulta minn restrizzjonijiet ta' żmien jew pressjonijiet marbuta mal-iskedar, u żviluppi oħra legali jew regolatorji. Għal dak l-għan, l-Ungerija ppreżentat l-RRP nazzjonali ġdid (l-“RRP il-ġdid”).
- (4) Il-Kummissjoni tqis li r-raġunijiet ippreżentati mill-Ungerija jiġġustifikaw it-talba biex tiġi emendata d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tal-15 ta' Diċembru 2022 skont l-Artikolu 21(1) tar-Regolament (UE) 2021/241, u għalhekk, id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill jenħtieġ li tiġi emendata.

¹ ĠU L 57, 18.2.2021, p. 17, ELI: <https://eur-lex.europa.eu/eli/reg/2021/241/oj>.

² Ara d-dokumenti: ST 15447/22 INIT; ST 15447/22 ADD 1.

³ Ara d-dokumenti: ST 15964/23 REV 1; ST 15964/23 REV 2(bg); ST 15964/23 ADD 1.

- (5) Fit-8 ta' Lulju 2025, il-Kunsill indirizza rakkomandazzjonijiet lill-Ungerija fil-kuntest tas-Semestru Ewropew. B'mod partikolari, il-Kunsill irrakkomanda lill-Ungerija biex issegwi koordinazzjoni effettiva tal-politiki makroekonomiċi, telimina gradwalment il-limiti massimi tal-prezzijiet u tar-rati tal-imgħax, issaħħaħ il-qafas baġitarju fuq terminu medju, ittejjeb is-sostenibbiltà fit-tul tas-sistema tal-pensjonijiet, ittejjeb l-ambjent tan-negozju, tistimula l-iżvilupp tas-swieq kapitali, issaħħaħ il-qafas tal-innovazzjoni, taċċellera d-diversifikazzjoni tal-provvista tal-fjuwils fossili, telimina gradwalment is-sussidji għall-fjuwils fossili, ittejjeb il-flessibbiltà u l-kompetizzjoni fis-settur tal-elettriku, ittejjeb ir-reżiljenza tal-ilma, ittejjeb iċ-ċirkolarità, ittejjeb l-eżiti tal-edukazzjoni u żżid il-parteċipazzjoni ta' gruppi żvantaġġati f'edukazzjoni ordinarja ta' kwalità, iżżid l-aċċess għal miżuri tas-suq tax-xogħol, tiżgura djalogu soċjali effettiv, ittejjeb l-adeqwatezza tal-assistenza soċjali u tiżgura l-aċċess għal servizzi essenzjali kif ukoll timmira aħjar il-miżuri ta' appoġġ għall-akkomodazzjoni u żżid il-provvista tal-akkomodazzjoni. Wara li vvalutat il-progress fl-implimentazzjoni ta' dawn ir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż fil-mument tal-preżentazzjoni tal-RRP il-ġdid, il-Kummissjoni kkonstatat li l-Ungerija la implimentat b'mod sħiħ u lanqas kisbet progress sostanzjali fir-rigward ta' kwalunkwe waħda mir-rakkomandazzjonijiet.
- (6) Fil-21 ta' Mejju 2026, il-Kummissjoni ppubblikat rieżami fil-fond skont l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁴ għall-Ungerija. L-analiżi tal-Kummissjoni wasslitha biex tikkonkludi li l-Ungerija qed tesperjenza żbilanċi makroekonomiċi, peress li għadhom jippersistu vulnerabbiltajiet relatati mal-kompetittività, ma' defiċit għoli tal-gvern u mal-ħtiġijiet ta' finanzjament, mal-prezzijiet tad-djar u mal-interventi tal-gvern fis-suq finanzjarju.
- (7) L-RRPs jenħtieġ li jsegu l-oġettivi ġenerali tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza stabbilita bir-Regolament (UE) 2021/241 (il-“Faċilità”) u tal-Istrument tal-Unjoni Ewropea għall-Irkupru stabbilit bir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2020/2094 biex jappoġġaw l-irkupru wara l-kriżi tal-COVID-19. Huma jenħtieġ li jippromwovu l-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali tal-Unjoni billi jikkontribwixxu għas-sitt pilastri msemmija fl-Artikolu 3 tar-Regolament (UE) 2021/241.
- (8) L-implimentazzjoni tal-RRPs tal-Istati Membri jenħtieġ li tikkostitwixxi sforz ikkoordinat li jinvolvi riformi u investimenti madwar l-Unjoni. Permezz ta' implimentazzjoni kkoordinata u simultanja kif ukoll permezz tal-implimentazzjoni ta' proġetti transfruntiera u multinazzjonali, dawn ir-riformi u l-investimenti jenħtieġ li jsaħħu lil xulxin b'mod reċiproku u jiġġeneraw effetti konsegwenzjali pożittivi madwar l-Unjoni.

Rispons ibbilanċjat li jikkontribwixxi għas-sitt pilastri

- (9) F'konformità mal-Artikolu 19(3)(a), u l-kriterju 2.1 tal-Anness V tar-Regolament (UE) 2021/241, l-RRP il-ġdid jirrappreżenta fil-biċċa l-kbira (Klassifikazzjoni A) rispons komprensiv u bbilanċjat b'mod adegwat għas-sitwazzjoni ekonomika u soċjali, u b'hekk jikkontribwixxi b'mod xieraq għas-sitt pilastri kollha msemmija fl-Artikolu 3 ta' dak ir-Regolament, filwaqt li jqis l-isfidi speċifiċi għall-Istat Membru u l-allokazzjoni finanzjarja.

⁴ Ir-Regolament (UE) Nru 1176/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Novembru 2011 dwar il-prevenzjoni u l-korrezzjoni tal-iżbilanċi makroekonomiċi (ĠU L 306, 23.11.2011, p. 25).

- (10) L-RRP il-ġdid jinkludi miżuri li jikkontribwixxu għas-sitt pilastri kollha, b'għadd ta' komponenti li jindirizzaw diversi pilastri simultanjament. L-RRP il-ġdid jinkludi firxa wiesgħa ta' miżuri, b'enfasi partikolari fuq it-tranżizzjoni ekoloġika, it-trasformazzjoni diġitali, il-bini tar-reżiljenza ekonomika, soċjali u istituzzjonali kif ukoll fuq il-politiki għall-ġenerazzjoni li jmiss. L-RRP il-ġdid jinkludi wkoll miżuri li jappoġġaw tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv kif ukoll il-koeżjoni soċjali u territorjali, f'konformità mal-Istrateġija Industrijali Ewropea.
- (11) L-RRP il-ġdid jikkontribwixxi b'mod sinifikanti għat-tranżizzjoni ekoloġika u għat-trasformazzjoni diġitali. It-tranżizzjoni ekoloġika hija appoġġata b'mod partikolari permezz ta' riformi u investimenti fil-qasam tat-trasport sostenibbli, tal-enerġija, tal-ġestjoni tal-ilma u tal-ekonomija ċirkolari. Il-miżuri ewlenin jinkludu investimenti fit-trasport pubbliku b'emissjonijiet żero, fl-iżvilupp tal-grilja tal-enerġija u fil-ġenerazzjoni tal-enerġija rinnovabbli. Diversi komponenti fihom miżuri li għandhom l-għan li jtejbu l-effiċjenza enerġetika tal-binjiet pubbliċi u residenzjali. It-trasformazzjoni diġitali hija appoġġata b'mod partikolari permezz ta' miżuri li jippromwovu d-diġitalizzazzjoni tal-edukazzjoni u tal-amministrazzjoni pubblika, kif ukoll id-diġitalizzazzjoni tas-setturi tas-saħħa u tal-enerġija, u l-iżvilupp tal-innovazzjoni diġitali u tal-ħiliet diġitali.
- (12) Għadd sinifikanti ta' riformi u investimenti fl-RRP il-ġdid għandhom l-għan li jtejbu l-kura tas-saħħa u r-reżiljenza ekonomika, soċjali u istituzzjonali. Il-miżuri fis-settur tal-kura tas-saħħa huma mistennija li jtejbu l-effiċjenza u l-aċċess għal kura ta' kwalità. Ir-riformi istituzzjonali ewlenin huma mistennija li jtejbu r-reżiljenza tal-ekonomija permezz tat-tisħiħ tal-ġlieda kontra l-korruzzjoni, tal-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni u tal-indipendenza tal-ġudikatura. Ir-riformi fiskali għandhom l-għan li jissimplifikaw is-sistema ta' tassazzjoni u li jsaħħuha kontra r-riskju ta' ppjanar aggressiv tat-taxxa, kif ukoll li jiffaċilitaw l-aċċess għad-data pubblika. Tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv huwa mistenni li jinkiseb b'mod partikolari permezz ta' diversi miżuri li għandhom l-għan li jżidu l-kompetizzjoni u t-trasparenza fl-akkwist pubbliku u li jippromwovu r-riċerka u l-innovazzjoni.
- (13) Firxa wiesgħa ta' miżuri fl-RRP il-ġdid tikkontribwixxi għall-koeżjoni soċjali u territorjali, b'mod partikolari permezz ta' riformi u investimenti li jappoġġaw l-iżvilupp tal-kapital uman, billi jsaħħu l-ħiliet diġitali u vokazzjonali, itejbu l-aċċess għal ambjenti ta' taġġim ta' kwalità u inklużivi, iżidu l-attraenza tal-professjoni tat-tagħlim, u jespandu d-disponibbiltà tas-servizzi tal-edukazzjoni u l-kura bikrija tat-tfal. Barra minn hekk, diversi miżuri għandhom l-għan li jindirizzaw l-isfidi speċifiċi tal-insedjamenti l-aktar żvantaġġati u li jtejbu l-aċċess għal servizzi ta' kura primarja ta' kwalità u għal kura fl-isptar.

L-indirizzar tal-isfidi kollha jew ta' subsett sinifikanti tal-isfidi identifikati fir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż

- (14) F'konformità mal-Artikolu 19(3), il-punt (b), u l-Anness V, il-kriterju 2.2 tar-Regolament (UE) 2021/241, l-RRP il-ġdid huwa mistenni li jikkontribwixxi biex jindirizza b'mod effettiv subsett sinifikanti ta' sfidi (Klassifikazzjoni A) identifikati fir-rakkomandazzjonijiet rilevanti speċifiċi għall-pajjiż indirizzati lill-Ungerija, inklużi l-aspetti fiskali tagħhom, jew l-isfidi identifikati f'dokumenti rilevanti oħra adottati uffiċjalment mill-Kummissjoni fil-kuntest tas-Semestru Ewropew.
- (15) L-RRP il-ġdid jinkludi sett estensiv ta' riformi u investimenti li jsaħħu lil xulxin b'mod reċiproku li jikkontribwixxu biex jiġu indirizzati b'mod effettiv l-isfidi

ekonomiċi u soċjali kollha jew subsett sinifikanti tagħhom deskritti fir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż indirizzati lill-Ungerija mill-Kunsill fil-kuntest tas-Semestru Ewropew fl-2019, fl-2020, fl-2022, fl-2023, fl-2024 u fl-2025, b'mod partikolari rigward it-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali, l-edukazzjoni, l-innovazzjoni, is-suq tax-xogħol, il-politika soċjali, il-kura tas-saħħa, il-qafas kontra l-korruzzjoni, l-indipendenza ġudizzjarja, il-kompetizzjoni fl-akkwist pubbliku, il-kwalità u t-trasparenza tat-teħid ta' deċiżjonijiet, il-koordinazzjoni tal-politika ekonomika, it-tassazzjoni u l-ippjanar tat-taxxa aggressiv, u l-qafas fiskali.

- (16) Il-RRP il-ġdid fih diversi miżuri rilevanti biex jiġu indirizzati l-isfidi relatati mat-tranżizzjoni ekoloġika. Fir-rigward tal-produzzjoni tal-enerġija u l-effiċjenza enerġetika, l-RRP il-ġdid jinkludi riformi biex itejjeb il-proċeduri għall-għoti ta' permessi għall-produzzjoni tal-enerġija rinnovabbli, jissimplifika l-konnessjoni mal-grilja ta' impjanti tal-enerġija rinnovabbli żgħar, ineħħi l-ostakli għall-iżvilupp tal-enerġija mir-riħ, jikkalkula t-tariffi tan-network, jinstalla miters intelliġenti, issaħħaħ ir-rwol tal-aggregaturi, jippromwovi l-użu tal-ipprezzar dinamiku fil-ftehimiet tax-xiri tal-elettriku, jinkoraġġixxi l-kompetizzjoni fis-suq tal-ibbilanċjar, jespandi l-komunitajiet tal-enerġija u jżid l-użu tal-ħżin tal-enerġija. L-għan tar-riformi huwa li tiżdied il-parteċipazzjoni tal-atturi tas-suq fis-swieq tal-ġenerazzjoni u tal-ħżin tal-enerġija rinnovabbli. Biex jagħmlu dan, dawn ir-riformi għandhom l-għan li jaċċelleraw l-użu tal-ġenerazzjoni tal-enerġija rinnovabbli (b'mod partikolari l-enerġija mir-riħ fuq l-art) u jżidu l-flessibbiltà min-naħa tad-domanda, kif ukoll il-kompetizzjoni fis-suq tal-ibbilanċjar. B'dan il-mod, huwa mistenni li dawn ir-riformi jindirizzaw ir-rakkomandazzjonijiet dwar it-titjib tal-flessibbiltà u tal-kompetizzjoni fis-settur tal-elettriku, filwaqt li jaċċelleraw l-użu ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli. L-RRP il-ġdid jinkludi wkoll investimenti li għandhom l-għan li jżidu l-użu tal-produzzjoni tal-enerġija solari, kif ukoll li jtejbu n-network tal-elettriku sabiex jippermetti l-integrazzjoni sigura tal-enerġija prodotta minn sorsi rinnovabbli. L-RRP il-ġdid jinkludi wkoll diversi investimenti għar-rinnovazzjoni tal-effiċjenza enerġetika tal-binjiet pubbliċi, b'mod partikolari fl-oqsma tal-edukazzjoni, kif ukoll tal-binjiet residenzjali, li jindirizzaw ir-rakkomandazzjoni dwar it-titjib tal-effiċjenza enerġetika, b'mod partikolari fil-binjiet. Fir-rigward tat-trasport sostenibbli, l-RRP il-ġdid jinkludi investimenti għall-iżvilupp tan-network ta' mogħdijiet, tat-trasport bil-karozzi tal-linja b'emissjonijiet żero, tas-sistema tat-trammijiet u tat-trolleybuses ta' Budapest, u ta' stazzjonijiet tal-iċċarġjar għall-vetturi elettriċi. Barra minn hekk, l-Ungerija jenħteġ li tintroduċi sistema nazzjonali unika ta' tariffi, biljettar u informazzjoni għall-passiġġieri bil-karozza tal-linja u l-ferrovija. L-RRP il-ġdid jinkludi wkoll miżuri li għandhom l-għan li jippromwovu riformi dwar l-ekonomija ċirkolari u l-ġestjoni sostenibbli tal-iskart, kif ukoll riforma u investiment fil-ġestjoni sostenibbli tal-ilma, inkluż permezz tal-promozzjoni taż-żamma tal-ilma bbażata fuq in-natura.
- (17) L-RRP il-ġdid fih diversi miżuri rilevanti li jindirizzaw l-isfidi relatati mat-tranżizzjoni diġitali. L-RRP il-ġdid jinkludi miżuri li għandhom l-għan li jipprovdu notebooks diġitali għall-għalliema u l-istudenti fl-edukazzjoni pubblika, apparati tat-teknoloġija tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni (ICT) għall-iskejjel primarji u sekondarji, inklużi l-iskejjel tal-edukazzjoni u tat-taħriġ vokazzjonali, għall-universitajiet u għall-istituzzjonijiet ta' taġlim għall-adulti, u lejn iż-żieda fid-diġitalizzazzjoni tas-settur tal-kura tas-saħħa. Barra minn hekk, l-RRP il-ġdid jinkludi xi miżuri li jżidu d-diġitalizzazzjoni tal-amministrazzjoni pubblika, b'mod partikolari permezz ta' pjattaformi elettroniċi ta' rapportar għal finijiet ta' tassazzjoni u tal-iżvilupp ulterjuri tas-sistema elettronika tal-akkwist.

- (18) L-RRP il-ġdid jinkludi diversi miżuri li jindirizzaw l-isfidi fl-edukazzjoni. L-RRP il-ġdid fih riformi li jtejbu l-attraenza tal-professjoni tat-tagħlim permezz ta' mekkaniżmu li jiżgura l-konverġenza gradwali tal-pagi tal-ġhalliema għal mill-inqas 80 % tal-paga medja tal-gradwati tal-edukazzjoni terzjarja, li jnaqqsu s-segregazzjoni fl-iskejjel kif ukoll jiżguraw l-aċċess għal edukazzjoni skolastika ta' kwalità, b'mod partikolari billi jipprovdu lill-istudenti u lill-ġhalliema bl-apparati meħtieġa biex jipparteċipaw f'edukazzjoni diġitali moderna. L-RRP il-ġdid fih ukoll investimenti li jappoġġaw l-integrazzjoni ta' studenti bi bżonnijiet edukattivi speċjali fl-edukazzjoni ordinarja.
- (19) L-isfidi relatati mar-riċerka u l-innovazzjoni huma indirizzati permezz tal-istabbiliment ta' laboratorji nazzjonali biex tittejjeb l-ekosistema għax-xjenza u l-innovazzjoni. L-appoġġ għall-istabbiliment tal-Gigafabbriki tal-Intelliġenza Artifiċjali u għall-aċċess għalihom, kif ukoll il-kontribuzzjoni għall-Programm tal-UE għal Konnettività Sigura (IRIS²), jikkontribwixxu wkoll għat-tiżi tal-qafas tal-innovazzjoni għas-settur pubbliku u għan-negozji.
- (20) Ir-rakkomandazzjoni speċifika għall-pajjiż dwar l-integrazzjoni tal-aktar gruppi vulnerabbli fis-suq tax-xogħol hija indirizzata permezz tal-ħolqien ta' postijiet addizzjonali fiċ-ċentri għall-indukrar tat-tfal u l-promozzjoni tal-opportunitajiet ta' xogħol għal dawk li jgħixu fl-aktar insedjamenti żvantaġġati.
- (21) L-RRP il-ġdid jinkludi diversi miżuri biex jindirizza sfidi speċifiċi relatati mal-politiki soċjali billi jipprovdu appoġġ komprensiv lill-abitanti tat-300 insedjament l-aktar żvantaġġati. Dawn il-miżuri għandhom l-għan li jippromwovu l-impjiegi u l-iżvilupp tal-ħiliet skont l-ispeċifikitajiet lokali, li jiksbu eżiti aħjar tal-apprendiment permezz ta' pedagoġija orjentata lejn il-komunità u li jistabbilixxu impjanti tal-enerġija solari soċjali.
- (22) L-RRP il-ġdid jistabbilixxi sett wiesa' ta' riformi u investimenti sabiex jindirizza l-aktar sfidi kritiċi tas-servizzi tal-kura tas-saħħa. Dan jinkludi, b'mod partikolari, investimenti fit-titjib tal-infrastruttura u tat-tagħmir tal-isptarijiet, kif ukoll l-iżvilupp ta' kura primarja u preventiva permezz tal-istabbiliment ta' komunitajiet ta' Prattikanti mediċi ġenerali li jipprovdu servizzi integrati tal-kura tas-saħħa. Dan huwa kkomplementat minn investimenti fil-kura tas-saħħa diġitali, bħal programmi ta' diġitalizzazzjoni. Miżura oħra tappoġġa l-eradikazzjoni tal-pagamenti ta' gratwitajiet fis-sistema tal-kura tas-saħħa.
- (23) L-RRP il-ġdid jinkludi għadd ta' miżuri biex isaħħaħ il-qafas kontra l-korruzzjoni u l-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni. Dawn jinkludu l-istabbiliment legali ta' Awtorità għall-Integrità biex isaħħaħ b'mod effettiv il-prevenzjoni, id-detezzjoni u l-korrezzjoni tal-frodi, tal-kunflitti ta' interess, tal-korruzzjoni kif ukoll ta' illegalitajiet u irregolaritajiet oħra li jikkonċernaw l-implimentazzjoni tal-appoġġ tal-Unjoni fl-Ungerija, b'enfasi partikolari fuq l-akkwist pubbliku u l-verifika tad-dikjarazzjonijiet tal-assi. Skont l-RRP il-ġdid, l-Awtorità għall-Integrità jenħtieġ li jkollha setgħat estensivi sabiex tintervjeni fil-każijiet kollha fejn, fil-fehma tagħha, l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti ma jkunux hađu l-passi meħtieġa biex jipprevjenu, jidentifikaw u jikkoreġu l-frodi, il-kunflitti ta' interess, il-korruzzjoni u illegalitajiet jew irregolaritajiet oħra li jaffettwaw jew jirriskjaw serjament li jaffettwaw il-ġestjoni finanzjarja tajba tal-baġit tal-Unjoni jew il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni. Barra minn hekk, l-Ungerija impenjat ruħha li tippreżenta notifika lill-Kummissjoni Ewropea bl-intenzjoni tagħha li tipparteċipa fil-kooperazzjoni msaħħa

dwar l-istabbiliment tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew (“UPPE”). Miżura oħra tikkonsisti fl-istabbiliment ta’ Task Force Kontra l-Korruzzjoni, b’involvement sinifikanti ta’ organizzazzjonijiet mhux governattivi indipendenti, biex teżamina kontinwament il-miżuri eżistenti kontra l-korruzzjoni u tfassal proposti. Barra minn hekk, l-RRP il-ġdid jinkludi miżuri li jappoġġaw kooperazzjoni msaħħa mal-Uffiċċju Ewropew ta’ Kontra l-Frodi (OLAF), biex jistabbilixxi kamp ta’ applikazzjoni personali u materjali estiż għad-dikjarazzjonijiet tal-assi ta’ ċerti uffiċjali b’riskju għoli, u biex jiżgura l-eliminazzjoni gradwali tal-fondazzjonijiet għall-ġestjoni tal-assi fl-interess pubbliku li jwettqu attività ta’ interess pubbliku, kif ukoll sabiex jiżgura s-sorveljanza u t-trasparenza tal-mod kif il-fondazzjonijiet għall-ġestjoni tal-assi fl-interess pubbliku li jwettqu attività ta’ interess pubbliku, u l-persuni ġuridiċi stabbiliti jew miżmuma minnhom, jagħmlu użu mill-appoġġ tal-Unjoni sakemm jibqgħu jeżistu. L-RRP il-ġdid jinkludi wkoll għadd ta’ riformi biex jissaħħu l-arranġamenti leġiżlattivi, istituzzjonali u prattiċi għall-prevenzjoni, l-identifikazzjoni u l-korrezzjoni b’mod aktar effettiv tal-frodi, il-korruzzjoni, il-kunflitti ta’ interess, il-finanzjament doppju u illegalitajiet oħra fl-użu tal-appoġġ tal-Unjoni. L-RRP il-ġdid jinkludi riforma biex tiġi stabbilita l-possibbiltà ta’ rieżami ġudizzjarju tad-deċiżjonijiet meħuda mis-servizz tal-prosekuzzjoni jew mill-awtorità investigattiva biex jirrifjutaw rapport ta’ reat jew itemmu proċedimenti kriminali fil-każ ta’ reati speċjali relatati mal-eżerċizzju tal-awtorità pubblika jew mal-ġestjoni tal-proprjetà pubblika. Diversi miżuri fl-RRP il-ġdid jikkontribwixxu biex tiżdied it-trasparenza tad-data pubblika u l-aċċess għaliha, anki bl-għan li jissaħħa il-qafas kontra l-korruzzjoni billi tiġi ffaċilitata s-sorveljanza indipendenti. Tali miżuri jinkludu l-istabbiliment u t-tħaddim ta’ reġistru ċentrali konsultabbli dwar l-użu ta’ fondi pubbliċi, l-eliminazzjoni jew il-limitazzjoni tal-kostijiet relatati ma’ talbiet għal informazzjoni pubblika, l-iffaċilitar tal-proċeduri tal-qorti f’kawżi relatati mal-aċċess għall-informazzjoni pubblika, it-tneħħija ta’ ċerti raġunijiet għar-rifjut tal-ġhoti ta’ aċċess għall-informazzjoni pubblika u l-iżgurar li jiġu introdotti kontrolli regolari fuq il-korpi li jwettqu dmir pubbliku biex jiġi vvalutat jekk jikkonformawx mar-rekwiżiti rispettivi tagħhom dwar l-ġhoti ta’ aċċess għall-informazzjoni pubblika.

- (24) Ir-Rakkomandazzjoni speċifika għall-pajjiż dwar it-tisħiħ tal-indipendenza ġudizzjarja hija indirizzata permezz ta’ diversi riformi fl-RRP il-ġdid, li huma mistennija jsaħħu l-indipendenza u l-imparzjalità tal-qorti u tal-imħallfin stabbiliti bil-liġi, u b’hekk jgħollu l-istandard tal-protezzjoni ġudizzjarja u jtejbu l-klima tal-investiment fl-Ungerija. L-RRP il-ġdid jinkludi miżuri biex isahha ir-rwol relattiv u s-setgħat tal-Kunsill Ġudizzjarju Nazzjonali fir-rigward tas-setgħat tal-President tal-Uffiċċju Nazzjonali għall-Ġudikatura. L-eżerċizzju ta’ kontroll effettiv mill-Kunsill Ġudizzjarju Nazzjonali fuq il-President tal-Uffiċċju Nazzjonali għall-Ġudikatura huwa mistenni li jnaqqas il-possibbiltà ta’ deċiżjonijiet arbitrarji fl-amministrazzjoni ċentrali tal-qorti, inkluż fir-rigward tal-ħatriet ġudizzjarji, u għalhekk isahha l-indipendenza tal-ġudikatura. Skont l-RRP il-ġdid, dan jenħtieġ li jinkiseb b’mod partikolari permezz tal-introduzzjoni tar-rekwiżit li l-Kunsill Ġudizzjarju Nazzjonali jagħti opinjoni motivata vinkolanti dwar deċiżjonijiet individwali, bħall-adegwatezza tal-kandidati għall-karigi ta’ President u ta’ Viċi President tal-Uffiċċju Nazzjonali għall-Ġudikatura, abbażi ta’ kriterji ta’ adegwatezza; l-annullament ta’ proċeduri ta’ ħatra għal pożizzjonijiet ġudizzjarji u għal pożizzjonijiet eżekuttivi fil-qorti; it-trasferiment ta’ imħallfin, u t-tneħħija ta’ imħallfin mil-lista ta’ imħallfin għal kawżi speċjali, inklużi kawżi amministrattivi. Jenħtieġ li l-Kunsill Ġudizzjarju Nazzjonali jagħti wkoll opinjoni motivata vinkolanti dwar regolamenti bħas-sistema ta’ punti għall-

pożizzjonijiet ġudizzjarji, il-kundizzjonijiet għall-ġhoti ta' bonuses, it-taħriġ tal-imħallfin, l-ammont ta' xogħol fil-livell nazzjonali u l-ġhadd ta' postijiet ġudizzjarji. Fl-aħħar nett, jenħtieġ li l-imħallfin membri tal-Kunsill Ġudizzjarju Nazzjonali jkollhom il-possibbiltà li jergħu jiġu eletti għall-mandat ta' wara, u jenħtieġ li l-Kunsill Ġudizzjarju Nazzjonali jkollu aċċess għad-dokumenti kollha, il-kapaċità ġuridika u l-awtonomija fl-iżborż tal-baġit tiegħu, u d-dritt li jressaq kwistjoni quddiem il-qorti kompetenti u l-Qorti Kostituzzjonali sabiex jiddefendi l-prerogattivi tiegħu. Jenħtieġ li jiġu introdotti wkoll regoli mhux diskrezzjonarji dwar id-deżinjazzjoni ta' presidenti ta' qorti ad interim u projbizzjoni għar-reintegrazzjoni tal-imħallfin għal istanza ta' qorti superjuri wara li jiġu sekondati. Riforma oħra hija mistennija li ssaħħaħ l-indipendenza ġudizzjarja tal-Qorti Suprema (Kúria), partikolarment billi jiġu emendati r-regoli dwar l-elezzjoni tal-president tal-Kúria, li jenħtieġ li jkollu mill-inqas ħames snin esperjenza bħala mħallf u jenħtieġ li ma jkollux il-possibbiltà li jerġa' jiġi elett. Jenħtieġ li l-Kunsill Ġudizzjarju Nazzjonali jagħti opinjoni motivata u vinkolanti dwar l-idoneità tal-kandidati għal President u Viċi President tal-Kúria. Jenħtieġ li r-riforma tneħħi wkoll il-possibbiltà li l-membri tal-Qorti Kostituzzjonali jinħatru fil-Kúria barra mill-proċedura ta' applikazzjoni normali, ittejjeb l-iskema tal-allokazzjoni tal-kawżi, u tiżgura setgħat aktar b'saħħithom għall-kunsill ġudizzjarju tal-Kúria. Aktar riformi huma mistennija jneħħu ostakli għal referenzi għal deċiżjonijiet preliminari għall-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea u jneħħu l-possibbiltà, introdotta fl-2019, li l-awtoritajiet pubbliċi jikkontestaw deċiżjonijiet ġudizzjarji finali quddiem il-Qorti Kostituzzjonali sabiex jiġi żgurat li d-deċiżjonijiet finali jittieħdu mill-qrati indipendenti kompetenti.

- (25) L-RRP il-ġdid jinkludi wkoll diversi miżuri sabiex jindirizza sfidi relatati mal-kompetizzjoni fl-akkwist pubbliku, inkluż billi tissaħħaħ l-integrità tal-proċeduri tal-akkwist pubbliku. Riforma tikkonsisti fl-iżvilupp u fl-użu kontinwu ta' għodda ta' monitoraġġ li tivvaluta l-livell u l-kawża tal-proċeduri tal-akkwist pubbliku li jirriżultaw f'offerti uniċi. Biex jissaħħu t-trasparenza u l-integrità tal-proċeduri tal-akkwist pubbliku, riforma għandha l-għan li tintroduċi regoli dwar il-kunflitt ta' interess u obbligi addizzjonali ta' rapportar u pubblikazzjoni għall-awtoritajiet kontraenti. Riforma oħra għandha l-għan li tiżviluppa qafas ta' kejl tal-prestazzjoni biex jiġu vvalutati regolarment l-effiċjenza u l-kosteffettività tal-akkwisti pubbliċi, u r-raġunijiet għall-kompetizzjoni limitata fis-setturi l-aktar affettwati mil-livell baxx tal-kompetizzjoni. L-adozzjoni ta' pjan ta' azzjoni, abbażi ta' prattiki internazzjonali tajbin, isservi biex iżżid il-livell ta' kompetizzjoni fl-akkwist pubbliku. Filwaqt li jibni fuq daww ir-riformi, l-RRP il-ġdid jinkludi impenn mill-Ungerija biex tnaqqas għal anqas minn 15 % is-sehem tal-akkwisti pubbliċi li jirċievu appoġġ mill-Unjoni u li jirriżultaw f'offerti uniċi. Sabiex jakkumpanja dawn ir-riformi, l-RRP il-ġdid jinkludi miżuri għall-iżvilupp tas-sistema elettronika tal-akkwist pubbliku biex jiġu ffaċilitati l-analiżi u s-sorveljanza indipendenti tal-kompetizzjoni fl-akkwist pubbliku.
- (26) L-RRP il-ġdid jinkludi riformi li jtejb u t-trasparenza tal-proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet permezz tal-involvement ta' partijiet ikkonċernati oħra u permezz ta' valutazzjonijiet tal-impatt regolari. Miżuri relatati għandhom l-għan li jiżguraw li l-abbozzi tal-atti leġislattivi mħejjija mill-Gvern sistematikament jgħaddu minn konsultazzjoni pubblika għal perjodu suffiċjenti ta' żmien, sakemm ma jkunx hemm ġustifikazzjoni dovuta, u li l-valutazzjonijiet tal-impatt ikunu mħejjija u disponibbli għall-pubbliku b'mod konsistenti għall-abbozzi tal-atti leġislattivi kollha. Huwa previst ukoll l-involvement tal-partijiet ikkonċernati fl-implimentazzjoni u fis-sorveljanza tal-RRP il-ġdid innifsu permezz tal-istabbiliment u t-tħaddim ta' kumitat

ta' monitoraġġ anke wara l-2026, li mill-anqas nofs il-membri tiegħu jenħtieġ li jkunu ġejjin minn organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili kompletament indipendenti mill-awtoritajiet pubbliċi. Dawn jistgħu jikkontribwixxu wkoll għat-titjib tad-djalogu soċjali.

- (27) L-RRP il-ġdid jinkludi wkoll miżuri rigward l-ambjent tan-negozju, b'mod partikolari dwar it-titjib tas-sistema fiskali. L-RRP il-ġdid jinkludi riformi li għandhom l-għan li jindirizzaw l-ippjanar aggressiv tat-taxxa b'mod aktar effettiv, b'ħaż-żieda fir-rapportar tad-data dwar l-ipprezzar ta' trasferiment, ir-rieżami tar-rekwiżiti minimi ta' sustanza għat-taxxa korporattiva fuq l-introjt għall-kumpaniji fittizji u t-twessigħ tal-kamp ta' applikazzjoni tar-regoli tan-nuqqas ta' possibbiltà ta' tnaqqis għal pagamenti 'l barra lejn ġurisdizzjonijiet b'taxxa baxxa jew zero. Fir-rigward tas-simplifikazzjoni tat-taxxa, l-RRP il-ġdid jinkludi miżuri biex jitnaqqas l-għadd ta' taxxi u ta' benefiċċji tat-taxxa korporattiva kif ukoll dwar it-trasformazzjoni diġitali tal-proċeduri ta' konformità mar-regoli tat-taxxa.
- (28) L-RRP il-ġdid jinkludi riformi li jtejbu s-sostenibbiltà tal-finanzi pubbliċi. Dan jinkludi miżuri dwar l-istabbiliment ta' proċess għat-twettiq ta' rieżamijiet tal-infq u t-twettiq tagħhom, titjib fil-qafas fiskali domestiku filwaqt li jitnieda rieżami usa' ta' dak il-qafas u riformi tas-self sussidjat.
- (29) L-RRP il-ġdid jinkludi sett estensiv ta' riformi u investimenti li jsaħħu lil xulxin reċiprokament u li jikkontribwixxu biex jindirizzaw b'mod effettiv l-isfidi ekonomiċi u soċjali kollha, jew subsett sinifikanti minnhom, deskritti fir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż indirizzati lill-Ungerija mill-Kunsill fil-kuntest tas-Semestru Ewropew tal-2025, b'mod partikolari dawk relatati mal-koordinazzjoni tal-politika ekonomika, mal-qafas fiskali, mal-innovazzjoni, mal-kompetizzjoni fis-settur tal-elettriku, mar-reżiljenza tal-ilma, mal-edukazzjoni, mas-suq tax-xogħol, mal-politika soċjali u mal-akkomodazzjoni. Billi jindirizza l-isfidi msemmijin hawn fuq, l-RRP il-ġdid mistenni jikkontribwixxi wkoll għall-korrezzjoni tal-iżbilanċi, kif identifikati fir-rakkomandazzjonijiet magħmula skont l-Artikolu 6 tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011 fl-2026, li qed tesperjenza l-Ungerija, b'mod partikolari fir-rigward tad-defiċit għoli tal-gvern u tal-kostijiet tal-finanzjament, tad-deterjorament tal-kompetittività tal-kostijiet u tal-esponiment għall-prezzijiet tal-enerġija, taż-żieda fil-prezzijiet tal-akkomodazzjoni u tal-interventi tal-gvern fis-suq finanzjarju.

Kontribuzzjoni għall-potenzjal tat-tkabbir, il-ħolqien tal-impjiegi u r-reżiljenza ekonomika, soċjali u istituzzjonali

- (30) F'konformità mal-Artikolu 19(3), il-punt (c), u mal-Anness V, il-kriterju 2.3, tar-Regolament (UE) 2021/241, l-RRP il-ġdid huwa mistenni jkollu impatt kbir (Klassifikazzjoni A) fuq it-tisħiħ tal-potenzjal tat-tkabbir, il-ħolqien tal-impjiegi u r-reżiljenza ekonomika, soċjali u istituzzjonali tal-Ungerija, li jikkontribwixxi għall-implimentazzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, inkluż permezz tal-promozzjoni ta' politiki għat-tfal u ż-żgħażaġh, u għall-mitigazzjoni tal-impatt ekonomiku u soċjali tal-kriżi tal-COVID-19, u b'hekk isaħħaħ il-koeżjoni u l-konverġenza ekonomika, soċjali u territorjali fi ħdan l-Unjoni.
- (31) Fil-qalba tal-istrateġija tat-tkabbir tal-Ungerija hemm impenn sinifikanti lejn il-modernizzazzjoni tal-infrastruttura ekonomika tagħha. L-istabbiliment tal-Kumpanija tal-Vetturi Ferrovjarji (ROSCO) jenħtieġ li jikkatalizza t-tiġdid tal-vetturi ferrovjarji tal-Ungerija u joħloq il-bażi għal ġestjoni aktar effiċjenti tas-servizzi ferrovjarji, u b'hekk jikkontribwixxi aktar għall-isforzi usa' tal-pajjiż għad-dekarbonizzazzjoni.

Filwaqt li jikkomplementaw dan, l-investimenti fil-mobbiltà urbana, inkluż l-akkwist ta' trammijiet, karozzi tal-linja u trolleybuses ġodda, għandhom l-għan li jtejbju l-konnettività. Il-Kapitolu REPowerEU jagħmel enfasi partikolari fuq it-tisħiħ tal-indipendenza enerġetika tal-Ungerija u fuq l-aċċellerazzjoni tat-tranżizzjoni ekoloġika tagħha. Billi jespandi l-kapaċità u l-flessibbiltà tal-grilja elettrika, l-RRP il-ġdid jippermetti l-integrazzjoni fuq skala kbira ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli. L-użu tal-enerġija mir-riħ fuq l-art appoġġat minn proċessi simplifikati għall-ġoti tal-permessi, jenħtieġ li jżid b'mod sinifikanti l-ġenerazzjoni tal-enerġija rinnovabbli tal-Ungerija. Fl-istess ħin, il-modernizzazzjoni tan-networks ta' trażmissjoni u distribuzzjoni tiżgura li din l-enerġija rinnovabbli tkun tista' tiġi integrata b'mod effettiv fil-grilja nazzjonali. Dawn il-miżuri huma kkomplementati minn investimenti f'faċilitajiet għall-ħżin tal-enerġija u rinnovazzjonijiet għall-effiċjenza enerġetika fil-binjiet pubbliċi u residenzjali, li joħolqu sistema tal-enerġija aktar reżiljenti u sostenibbli.

- (32) Il-kontribuzzjoni tal-Ungerija għall-Impriża Konġunta EuroHPC għandha l-għan li tappoġġa l-istabbiliment ta' Gigafabbrika tal-IA jew tal-infrastruttura ta' komputazzjoni ekwivalenti, f'allinjament mal-viżjoni tal-Kummissjoni Ewropea għas-sovranià teknoloġika. Dan l-investment jenħtieġ li jaċċellera l-iżvilupp ta' kapaċità avvanzata tal-computing, filwaqt li jsaħħaħ il-kompetittività tal-Ewropa fl-ekonomija diġitali globali. Bl-istess mod, il-kontribuzzjoni tal-Ungerija għall-Programm tal-UE għal Konnettività Sigura (IRIS²) għandha l-għan li tindirizza sfidi kritiċi relatati mas-sigurtà u r-reżiljenza billi ssaħħaħ il-komunikazzjonijiet sovrani siguri, ittejjeb ir-reżiljenza tal-infrastruttura kritika u tas-servizzi pubbliċi, u ssaħħaħ it-tħejjija kontra t-tfixkil ċibernetiku, ibridu u tfixkil ieħor relatat mas-sigurtà.
- (33) L-RRP il-ġdid jagħmel enfasi ugwali fuq il-ħolqien tal-impjiegi u r-reżiljenza soċjali, filwaqt li jirrikonoxxi li t-tkabbir ekonomiku sostenibbli jrid ikun inklużiv. Permezz ta' programmi ta' integrazzjoni fis-suq tax-xogħol immirati lejn gruppi vulnerabbli, l-RRP il-ġdid għandu l-għan li jipprovdi opportunitajiet f'inizjattivi ta' soċjalizzazzjoni tax-xogħol. Il-ħolqien ta' postijiet ġodda fil-faċilitajiet għall-indukrar tat-tfal ikompli jappoġġa lill-ġenituri li jaħdmu, b'mod partikolari lin-nisa, biex jibbilanċjaw ir-responsabbiltajiet familjari u professjonali.
- (34) Il-modernizzazzjoni tal-faċilitajiet tal-kura tas-saħħa tiżgura aċċess ekwu għal servizzi mediċi ta' kwalità madwar il-pajjiż. Barra minn hekk, l-injezzjoni ta' kapital fil-Bank Ungeriż għall-Iżvilupp (MFB) għandha l-għan li tiffaċilita l-kostruzzjoni ta' akkomodazzjonijiet affordabbli, billi tindirizza d-disparitajiet bejn żoni urbani u rurali u tappoġġa lill-unitajiet domestiċi b'introjt baxx u lill-istudenti.

La tagħmilx ħsara sinifikanti

- (35) F'konformità mal-Artikolu 19(3), il-punt (d), u mal-Anness V, il-kriterju 2.4, tar-Regolament (UE) 2021/241, huwa mistenni li l-RRP il-ġdid jiżgura li l-ebda miżura (Klassifikazzjoni A) għall-implimentazzjoni ta' proġetti ta' riforma u investment inklużi fl-RRP il-ġdid ma tagħmel ħsara sinifikanti lill-oġġettivi ambjentali fis-sens tal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2020/852 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁵ (il-prinċipju "la tagħmilx ħsara sinifikanti", imsejjaħ "DNSH").

⁵ Ir-Regolament (UE) 2020/852 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Ġunju 2020 dwar l-istabbiliment ta' qafas biex jiġi ffaċilitat l-investment sostenibbli, u li jemenda r-Regolament (UE) 2019/2088 (ĠU L 198, 22.6.2020, p. 13).

- (36) Għall-miżuri li għalihom dan huwa rilevanti, l-impatt potenzjalment dannuż fuq l-ambjent u l-klima huwa indirizzat permezz ta' assigurazzjonijiet xierqa li l-kriterji applikabbli għandhom jiġu rispettati. Ir-riskji ambjentali jittaffew minn qabel bl-introduzzjoni ta' kundizzjonijiet: L-attivitajiet taħt is-Sistema tal-UE għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet (ETS) għandhom jilhqqu emissjonijiet ta' gassijiet serra previsti li jkunu taħt il-parametru referenzjarju u sa fejn ikun possibbli ferm taħt il-parametru referenzjarju rilevanti. Għall-istrumenti finanzjarji kollha ġiet introdotta lista li għandha l-għan tiżgura li ma jiġux appoġġati attivitajiet u assi li ma jkunux konformi mal-prinċipju "la tagħmilx ħsara sinifikanti".
- (37) L-RRP il-ġdid jintroduċi tliet miżuri b'allokazzjoni finanzjarja sinifikanti għall-pjan, li għalihom ġew stabbiliti salvagwardji relatati mal-prinċipju "la tagħmilx ħsara sinifikanti". B'mod partikolari, dawn l-investimenti, b'mod partikolari l-injezzjoni ta' kapital f'kumpanija tal-vetturi ferrovjarji, l-injezzjoni ta' kapital fil-Bank Ungeriż għall-Iżvilupp u l-iskema ta' għotjiet għall-iżvilupp tal-grilja elettrika, kollha jinkludu kriterji ta' eliġibbiltà ddedikati bil-ħsieb li tiġi żgurata l-konformità mar-rekwiżiti tal-prinċipju "la tagħmilx ħsara sinifikanti" sa mill-istadju tal-akkwist. Għalhekk, il-RRP il-ġdid huwa mistenni li jkompli jirrispetta l-prinċipju "la tagħmilx ħsara sinifikanti".

Kontribuzzjoni għat-tranżizzjoni ekoloġika, inkluża l-bijodiversità

- (38) F'konformità mal-Artikolu 19(3), il-punt (e), u mal-Anness V, il-kriterju 2.5, tar-Regolament (UE) 2021/241, l-RRP il-ġdid fih miżuri li jikkontribwixxu fil-biċċa l-kbira (Klassifikazzjoni A) għat-tranżizzjoni ekoloġika, inkluża l-bijodiversità, jew għall-indirizzar tal-isfidi li jirriżultaw minnha. Il-miżuri li jappoġġaw l-oġettivi klimatiċi jwasslu għal ammont li jirrappreżenta 52,9 % tal-allokazzjoni totali tal-RRP il-ġdid, ikkalkulat f'konformità mal-metodoloġija stabbilita fl-Anness VI ta' dak ir-Regolament. F'konformità mal-Artikolu 17 ta' dak ir-Regolament, l-RRP il-ġdid huwa konsistenti mal-informazzjoni inkluża fil-Pjan Nazzjonali għall-Enerġija u l-Klima 2021–2030.
- (39) Għall-RRP il-ġdid kollu kemm hu, in-nefġiet relatati mal-klima jirrappreżentaw 52,9 %, bl-aktar kontribuzzjonijiet sinifikanti ġejjin minn investimenti fl-użu tal-enerġija rinnovabbli u fil-modernizzazzjoni tal-grilja. Il-RRP il-ġdid jinkludi appoġġ sostanzjali għall-enerġija solari, b'kapaċità ġdida mmirata lejn municiplalitajiet żvantaġġati, flimkien ma' espansjoni tal-enerġija mir-riħ fuq l-art iffaċilitata minn proċeduri simplifikati għall-għoti tal-permessi. Barra minn hekk, il-modernizzazzjoni tan-networks ta' trażmissjoni u distribuzzjoni, li se żżid il-kapaċità, jenħtieġ li tippermetti integrazzjoni akbar ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli u ta' soluzzjonijiet għall-ħżin tal-enerġija fis-sistema tal-elettriku tal-Ungerija. Il-miżuri tal-effiċjenza enerġetika, b'har-rinnovazzjoni tal-bini pubbliku u l-installazzjoni ta' miters intelliġenti, ikomplu jikkontribwixxu għat-tnaqqis tal-konsum tal-enerġija u tal-emissjonijiet. Fis-settur tat-trasport, l-elettrifikazzjoni ta' sezzjonijiet ferrovjarji u l-akkwist ta' xarabanks b'emissjonijiet żero jenħtieġ li jnaqqsu b'mod sinifikanti l-emissjonijiet ta' gassijiet serra, filwaqt li jappoġġaw l-għanijiet usa' ta' dekarbonizzazzjoni tal-Ungerija. Il-miżuri kollha fil-kapitolu REPowerEU jikkontribwixxu bis-šhih għall-oġettivi klimatiċi u għalhekk il-kapitolu jilħaq il-mira minima ta' 37 %. L-installazzjoni ta' kapaċità għall-ħżin tal-enerġija għandha l-għan li ttejjeb il-flessibbiltà tad-domanda u tal-provvista, filwaqt li l-espansjoni tal-ġenerazzjoni tal-enerġija mir-riħ fuq l-art u l-installazzjonijiet ta' pannelli solari residenzjali jenħtieġ li jżidu s-sehem tal-enerġija rinnovabbli fit-taħlita tal-enerġija tal-Ungerija. Il-RRP il-ġdid huwa mistenni li jagħti kontribuzzjoni sinifikanti u dejjiema

għat-tranżizzjoni ekoloġika, filwaqt li jappoġġa l-miri klimatiċi tal-UE għall-2030 u l-oġġettiv tan-newtralità klimatika għall-2050. Il-kapaċità estiża tal-enerġija rinnovabbli, flimkien mal-modernizzazzjoni tal-grilja u mat-titjib fl-effiċjenza enerġetika, għandha l-għan li tnaqqas id-dipendenza tal-Ungerija fuq il-fjuwils fossili u tnaqqas l-emissjonijiet ta' gassijiet serra. Dawn il-miżuri huma mfassla biex ikollhom impatt deġġiemi, peress li għandhom l-għan li jkomplu jipprovdu benefiċċji ambjentali ferm wara l-implimentazzjoni tagħhom.

- (40) Minbarra l-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima, l-RRP il-ġdid jinkludi elementi li jikkontribwixxu għall-bijodiversità u għall-protezzjoni ambjentali. L-interventi għaż-żamma tal-ilma li jkopru 18 000 ettaru għandhom l-għan li jsaħħu r-reżiljenza tal-ekosistema u jappoġġaw il-bijodiversità fiż-żoni agrikoli, filwaqt li l-modernizzazzjoni tal-istazzjon tal-ippumpjar ta' Kvassay jenħtieġ li ttejjeb l-istatus ekoloġiku tal-fergħa tad-Danubju. Dawn l-investimenti jallinjaw ma' oġġettivi ambjentali usa' u jikkomplementaw l-enfasi primarja tal-RRP il-ġdid fuq l-azzjoni klimatika.

Kontribuzzjoni għat-tranżizzjoni diġitali

- (41) F'konformità mal-Artikolu 19(3), il-punt (f), u mal-Anness V, il-kriterju 2.6, tar-Regolament (UE) 2021/241, l-RRP il-ġdid fih miżuri li jikkontribwixxu fil-biċċa l-kbira (Klassifikazzjoni A) għat-tranżizzjoni diġitali jew għall-indirizzar tal-isfidi li jirriżultaw minnha. Il-miżuri li jappoġġaw l-oġġettivi diġitali jirrappreżentaw ammont li jikkostitwixxi 24,1 % tal-allokkazzjoni totali tal-RRP il-ġdid, ikkalkulata f'konformità mal-metodoloġija stabbilita fl-Anness VII ta' dak ir-Regolament.
- (42) L-RRP il-ġdid tal-Ungerija jilħaq il-mira tan-nefqa diġitali ta' 20 % kif meħtieġ skont il-kriterju ta' valutazzjoni 2.6 tal-Anness V tar-Regolament RRF, b'kontribuzzjonijiet ewlenin li ġejjin minn investimenti fl-edukazzjoni diġitali, fil-modernizzazzjoni tal-edukazzjoni għolja u fid-diġitalizzazzjoni tas-servizzi pubbliċi. L-RRP il-ġdid jinkludi għodod diġitali, bħal kompjuter notebooks għall-iskejjel, li għandhom l-għan li jsaħħu l-litteriżmu diġitali u jgħammru lill-istudenti bil-ħiliet meħtieġa għall-ekonomija diġitali. Barra minn hekk, il-modernizzazzjoni tal-infrastruttura tal-edukazzjoni għolja, inkluż l-iżvilupp ta' kontenut ta' tagħlim diġitali u d-diġitalizzazzjoni tal-faċilitajiet tal-edukazzjoni għolja, jenħtieġ li ttejjeb l-aċċess għall-edukazzjoni diġitali u tappoġġa t-tranżizzjoni lejn it-tagħlim online u ibridu. L-espansjoni tal-proċeduri elettroniċi fil-qasam tal-kura tas-saħħa, inkluża l-introduzzjoni ta' applikazzjoni mobbli ċentrali għall-kura tas-saħħa, għandha l-għan li tiddiġitalizza s-servizzi tal-kura tas-saħħa, filwaqt li ttejjeb l-effiċjenza u l-aċċessibbiltà.
- (43) Il-miżuri fl-RRP il-ġdid mistennija jikkontribwixxu b'mod sinifikanti għat-tranżizzjoni diġitali tal-ekonomija. L-investment fl-inizjattiva tal-Gigafabbriki tal-IA appoġġat minn kontribuzzjoni volontarja lill-Impriża Konġunta EuroHPC, għandu l-għan li jaċċellera l-iżvilupp ta' kapaċità avvanzata tal-computing u li jsaħħaħ l-appoġġ tal-Ungerija għas-sovraniżmu diġitali tal-Ewropa. Bl-istess mod, il-kontribuzzjoni tal-Ungerija għall-Programm tal-UE għal Konnettività Sigura (IRIS²) jenħtieġ li ssaħħaħ l-infrastruttura nazzjonali tal-komunikazzjonijiet siguri bis-satellita, filwaqt li tindirizza sfidi kritiċi relatati mas-sigurtà diġitali u mar-reżiljenza diġitali.

Impatt deġġiemi

- (44) F'konformità mal-Artikolu 19(3), il-punt (g), u mal-Anness V, il-kriterju 2.7, tar-Regolament (UE) 2021/241, l-RRP il-ġdid mistenni jkollu impatt deġġiemi fuq l-Ungerija fil-biċċa l-kbira (Klassifikazzjoni A).

- (45) L-RRP il-ġdid, inkluż il-kapitolu REPowerEU tiegħu, mistenni jkollu effett pożittiv deġġiem fuq l-ekonomija Ungeriża. Il-Pjan għall-Irkupru u r-Reżiljenza l-ġdid iżid l-ambizzjoni tar-riformi, f'konformità mar-rakkomandazzjonijiet tas-Semestru Ewropew, kif ukoll tal-investimenti trasformattivi fid-dekarbonizzazzjoni tat-trasport, tal-grilja tal-elettriku u tal-SMEs. L-RRP il-ġdid jidderieġi investiment sinifikanti lejn it-tranżizzjoni ekoloġika, b'mod partikolari lejn iż-żieda fil-kapaċità u fil-flessibbiltà tal-grilja tal-elettriku. Dan, ikkorroborat minn riformi ambizzjużi li jifhem s-suq għal investimenti fil-produzzjoni tal-enerġija mir-riħ, mistenni li jsaħħaħ is-sigurtà tal-enerġija tal-pajjiż, inaqas il-prezzijiet tal-enerġija u jikkontribwixxi għat-tnaqqis tad-dipendenza tal-pajjiż fuq l-importazzjonijiet Russi ta' fjuwils fossili, u b'hekk iwassal għal impatt deġġiem. L-RRP il-ġdid jinkludi wkoll miżuri ambizzjużi li jappoġġaw l-introduzzjoni ta' vetturi elettriċi kif ukoll l-elettrifikazzjoni ta' sezzjonijiet ferrovjarji flimkien ma' riforma tas-suq tat-trasport ferrovjarju.
- (46) L-investiment f'akkomodazzjoni affordabbli, f'SMEs innovattivi u fil-kapital ta' riskju jżid il-kompetittività tal-ambjent tan-negozju Ungeriż. L-impatt potenzjali ta' dawn l-investimenti jissaħħaħ permezz ta' riformi li jtejbu l-funzjonament tal-Bank Nazzjonali għall-Iżvilupp, jeliminaw gradwalment ċerti taxxi settorjali u jsaħħu l-funzjonament trasparenti tas-suq permezz ta' miżuri kontra l-korruzzjoni u regoli dwar is-sidien benefiċjarji. L-RRP il-ġdid huwa mistenni li jagħti kontribuzzjoni sinifikanti għat-tisħiħ tar-reżiljenza istituzzjonali tal-Ungerija. Dan huwa mistenni li jinkiseb billi jissaħħaħ il-qafas kontra l-korruzzjoni, tissaħħaħ l-indipendenza tal-ġudikatura u titjieb il-kwalità u t-trasparenza tal-proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet. L-ambjent tan-negozju mistenni li jitjieb permezz ta' miżuri li jtejbu s-sistema fiskali, il-prevedibbiltà regolatorja u jżidu l-kompetizzjoni fl-akkwist pubbliku. L-RRP il-ġdid huwa mistenni wkoll li jikkontribwixxi għal ġestjoni baġitarja tajba permezz tal-introduzzjoni ta' rieżamijiet tal-infq u ta' titjib fil-qafas fiskali.
- (47) L-impatt deġġiem tal-RRP il-ġdid jista' jissaħħaħ ukoll permezz ta' sinerġiji bejn l-RRP il-ġdid u programmi oħra, inklużi daww iffinanzjati mill-fondi tal-politika ta' koeżjoni, b'mod partikolari billi jiġu indirizzati b'mod sostantiv l-isfidi territorjali u billi jiġi promoss żvilupp bilanċjat.

Monitoraġġ u implimentazzjoni

- (48) F'konformità mal-Artikolu 19(3), il-punt (h), u mal-Anness V, il-kriterju 2.8, tar-Regolament (UE) 2021/241, l-arranġamenti proposti fl-RRP il-ġdid huma adegwati (Klassifikazzjoni A) biex jiżguraw monitoraġġ u implimentazzjoni effettivi tal-RRP il-ġdid, inklużi l-iskeda ta' żmien, l-istadji importanti u l-miri previsti, u l-indikaturi relatati.
- (49) L-istadji importanti u l-miri previsti tal-RRP il-ġdid jippermettu monitoraġġ adegwat tal-implimentazzjoni tal-pjan. Il-prestazzjoni tal-investimenti inklużi fl-RRP il-ġdid għandha tiġi vvalutata abbażi tal-kisba ta' diversi stadji importanti u miri mmonitorjati minn kull entità pubblika inkarigata mill-implimentazzjoni tal-miżuri u mill-qbid tal-istadji ewlenin tal-implimentazzjoni ta' kull investiment. Il-miri magħżula huma konsistenti mal-oġġettivi, mal-istimi tal-kostijiet u mal-iskeda ta' implimentazzjoni ta' kull miżura u huma kkwantifikati permezz ta' indikaturi speċifiċi li jirriflettu r-riżultat tax-xoġhlijiet imwettqa. L-istadji importanti u l-miri huma rilevanti wkoll għall-miżuri li diġà tlestew u li huma eliġibbli skont l-Artikolu 17(2) tar-Regolament (UE) 2021/241. It-tweqqi sodisfaċenti ta' dawn l-istadji importanti u l-miri fuq perjodu ta' żmien huwa meħtieġ sabiex tkun ġustifikata talba għal żborż.

- (50) Kull waħda mir-riformi u l-investimenti l-ġodda introdotti tinkludi mill-anqas mira jew stadju importanti wieħed li jkun fih l-elementi ewlenin tal-miżura u li jippermetti l-valutazzjoni tal-kisba tal-oġġettivi tagħha. Id-distribuzzjoni tal-istadji importanti u l-miri hija kkaratterizzata minn konċentrazzjoni għolja lejn tmiem il-perjodu ta' implimentazzjoni tal-pjan.
- (51) L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-appoġġ finanzjarju taħt il-Faċilità jiġi kkomunikat u rikonoxxut f'konformità mal-Artikolu 34 tar-Regolament (UE) 2021/241.

Kostijiet

- (52) F'konformità mal-Artikolu 19(3), il-punt (i), u l-Anness V, il-kriterju 2.9, tar-Regolament (UE) 2021/241, il-ġustifikazzjoni pprovduta fl-RRP il-ġdid dwar l-ammont tal-kostijiet totali stmata tal-RRP il-ġdid hija moderatament (Klassifikazzjoni B) raġonevoli u plawżibbli, hija f'konformità mal-prinċipju tal-kosteffiċjenza u hija proporzjonata mal-impatt ekonomiku u soċjali nazzjonali mistenni.
- (53) L-Ungerija pprovdiet stimi tal-kostijiet għall-investimenti kollha tal-RRP il-ġdid tagħha kif ukoll informazzjoni biżżejjed biex tqis li l-kostijiet huma ġeneralment raġonevoli u plawżibbli. Il-miżuri ġew stmata, fost l-oġġetti, abbażi tal-prezzijiet tas-suq jew tal-prezzijiet ta' unitajiet simili f'investimenti tal-passat, ta' kuntratti ffirmati jew ta' offerti indikattivi. Għal miżuri oħra, intuża approċċ dixxendenti fejn il-kost globali tal-proġett huwa bbażat fuq proġetti simili tal-passat. Fuq il-bażi tal-valutazzjoni tal-istimi tal-kostijiet u tad-dokumenti ta' sostenn relatati magħhom, l-istimi tal-kostijiet għall-maġġoranza tal-miżuri fil-pjan jitqiesu bħala raġonevoli u plawżibbli. L-ammont tal-kostijiet totali stmata tal-RRP il-ġdid huwa konformi man-natura u t-tip tar-riformi u l-investimenti previsti. L-Ungerija ssottomettiet evidenza biżżejjed dwar il-kostijiet li tinfed l-affermazzjonijiet ippreżentati fil-pjan. Fil-pjan il-ġdid, fir-rigward tal-kostijiet tal-miżuri l-ġodda, inklużi daww il-kapitolu REPowerEU, l-istimi jitqiesu, sa ċerti punt, bħala plawżibbli.
- (54) L-Ungerija pprovdiet informazzjoni u evidenza suffiċjenti li l-ammont tal-kostijiet stmata tar-riformi u tal-investimenti tal-RRP il-ġdid li għandhom jiġu ffinanzjati skont il-Faċilità ma huwiex kopert minn finanzjament eżistenti jew ipplanat tal-Unjoni. Dan jiġġustifika Klassifikazzjoni B skont il-kriterju 2.9 tal-Anness V tar-Regolament (UE) 2021/241. Fl-aħħar nett, il-kost totali stmat tal-RRP il-ġdid huwa konformi mal-prinċipju tal-kosteffiċjenza u proporzjonali mal-impatt nazzjonali, ekonomiku u soċjali mistenni.

Protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni

- (55) F'konformità mal-Artikolu 19(3)(j), u l-Kriterju 2.10 tal-Anness V tar-Regolament (UE) 2021/241, l-arranġamenti proposti fl-RRP il-ġdid huma adegwati (Klassifikazzjoni A) sabiex jipprevjenu, jidentifikaw u jikkoreġu l-korruzzjoni, il-frodi u l-kunflitti ta' interess meta jużaw il-fondi pprovduti skont dak ir-Regolament, u l-arranġamenti huma mistennija li jevitaw b'mod effettiv il-finanzjament doppju skont dak ir-Regolament u programmi oħrajn tal-Unjoni. Dan huwa mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni ta' strumenti u għodod oħra biex jippromwovu u jinfurzw il-konformità mad-dritt tal-Unjoni, fosthom għall-prevenzjoni, l-identifikazzjoni u l-korrezzjoni tal-korruzzjoni, il-frodi u l-kunflitti ta' interess, u għall-protezzjoni tal-

baġit tal-Unjoni f'konformità mar-Regolament (UE, Euratom) 2020/2092 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁶.

- (56) F'konformità mal-Artikolu 20(5)(e), il-punt (e), tar-Regolament (UE) 2021/241, jenħtiegħ li jiġu stabbiliti l-istadji importanti marbuta mal-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni sabiex tiġi żgurata l-konformità mal-Artikolu 22 ta' dak ir-Regolament, permezz tal-istabbiliment ta' sistema ta' kontroll xierqa. L-issodisfar sodisfaċenti ta' dawkl-istadji importanti huwa mistenni li jiggarantixxi l-adegwatezza tas-sistema ta' kontroll intern, f'konformità mal-Artikolu 19(3)(j) tar-Regolament (UE) 2021/241. Is-sistema ta' kontroll u l-arranġamenti proposti fl-RRP il-ġdid huma bbażati fuq proċessi u strutturi robusti, li jidentifikaw b'mod ċar ir-rwoli u r-responsabbiltajiet ta' korpi differenti involuti fl-implimentazzjoni, il-monitoraġġ, il-kontroll u l-awditu tal-pjan, kif ukoll l-interazzjonijiet tagħhom. Dawn jipprevedu segregazzjoni ċara tal-funzjonijiet u r-responsabbiltajiet ta' implimentazzjoni, ta' kontroll u ta' awditu. L-Awtorità Nazzjonali hija responsabbli għall-koordinazzjoni ġenerali tal-RRP il-ġdid, għall-monitoraġġ tal-progress fuq l-istadji importanti u l-miri, għat-twettiq tal-kontrolli fuq il-korpi ta' implimentazzjoni, il-korpi tas-sottogħotjiet, il-korp li jimplimenta l-istrumenti finanzjarji, l-intermedjarji finanzjarji u r-riċevituri finali, kif ukoll għat-tħejjija u l-preżentazzjoni lill-Kummissjoni tat-talbiet għall-pagament u tad-dikjarazzjonijiet ta' ġestjoni relatati, abbażi ta' data vverifikata mis-sistema ta' monitoraġġ. Ir-rwol tal-awtorità tal-awditjar tal-RRP il-ġdid huwa assenjat lid-Direttorat Ġenerali għall-Awditjar tal-Fondi Ewropej (EUTAF), li għandu l-esperjenza amministrattiva neċessarja u l-kapaċità biex iwettaq il-kompiti tal-awditjar relatati f'konformità mal-istandards tal-awditjar aċċettati internazzjonalment. L-EUTAF huwa responsabbli għat-twettiq ta' awditi tas-sistema u ttestjar sostantiv tal-istadji importanti u l-miri implimentati li jservu ta' bażi għall-parti tas-sommarju tal-awditi ppreżentati lill-Kummissjoni mat-talbiet għall-pagament. Il-qafas tal-awditjar jissaħħaħ aktar permezz ta' stadji importanti ddedikati li jiżguraw l-indipendenza funzjonali u baġitarja tal-EUTAF, l-adozzjoni ta' strateġija ta' awditjar pluriennali li tkopri l-awditi tas-sistema, il-kampjunar ibbażat fuq ir-riskju u l-verifiki fuq il-post, kif ukoll rekwiżiti li jiżguraw kopertura suffiċjenti tal-awditjar tal-korpi ta' implimentazzjoni u tas-sistemi ta' kontroll u l-ħruġ ta' opinjoni tal-awditjar dwar il-funzjonament tas-sistema ta' repożitorju għall-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-RRP il-ġdid. Dan huwa żgurat b'mod partikolari permezz tal-istadji importanti li ġejjin: 75, 81, 83 u 84.
- (57) Il-kapaċità amministrattiva tal-korpi inkarigati mill-implimentazzjoni, mill-koordinazzjoni, mill-monitoraġġ u mill-kontroll tal-RRP il-ġdid mistennija li tkun adegwata biex twettaq ir-rwoli u l-kompiti previsti tagħha. L-awtorità Nazzjonali tista' tiġi appoġġata minn korpi ta' implimentazzjoni, korpi li jagħtu sottogħotjiet u mill-Bank Ungeriż għall-Iżvilupp, li jkun għew fdati b'kompiti speċifiċi ta' implimentazzjoni abbażi tal-għarfien espert u tal-kapaċità amministrattiva tagħhom. Ir-rwol akbar tal-Bank għall-Iżvilupp Ungeriż fl-implimentazzjoni huwa akkumpanjat minn riforma ddedikata sabiex tissaħħaħ il-kapaċità operazzjonali, il-governanza, it-trasparenza, is-sistemi ta' kontroll intern u l-arranġamenti ta' sorveljanza tiegħu. L-awtorità Nazzjonali mistennija tissorvelja l-ħidma tal-korpi involuti fl-implimentazzjoni fuq bażi regolari. Barra minn hekk, kontrolli regolari relatati mal-

⁶ Ir-Regolament (UE, Euratom) 2020/2092 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2020 dwar reġim ġenerali ta' kondizzjonalità għall-protezzjoni tal-baġit tal-Unjoni (ĠU L 433 I, 22.12.2020, p. 1).

kunflitti ta' interess jitwettqu mid-Direttorat tal-Awditjar Intern u l-Integrità b'mod indipendenti mill-korpi ta' kontroll l-oħra, inklużi regoli msaħħa dwar il-prevenzjoni, id-detezzjoni u l-korrezzjoni tal-kunflitti ta' interess fl-entitajiet kollha ta' implimentazzjoni fost il-benefiċjarji, kif ukoll il-verifika sistematika tad-dikjarazzjonijiet u kontrolli *ex post* tal-operazzjonijiet ibbażati fuq ir-riskju. Huma inklużi stadji importanti ulterjuri biex jiżguraw li l-qafas legali u istituzzjonali li jirregola l-ġestjoni, il-kontroll u l-awditjar tal-RRP il-ġdid jibqa' japplika matul il-perjodu kollu ta' implimentazzjoni tal-pjan u lil hinn mill-2026, inklużi l-istabbiliment u ż-żamma tal-qafas legali li jirregola l-funzjonijiet ta' ġestjoni, kontroll u awditjar, l-iżgurar tal-kontinwità tas-salvagwardji, u t-tisħiħ tas-sorveljanza fuq il-korpi ta' implimentazzjoni u l-intermedjarji finanzjarji. Riformi addizzjonali jsaħħu l-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni, bħall-istabbiliment ta' Awtorità għall-Integrità u, fost l-oħrajn, permezz ta' trasparenza msaħħa u aċċess għall-informazzjoni dwar is-sjieda benefiċjarja għall-finijiet tal-ġestjoni, tal-kontroll u tal-awditjar, irrieżami regolari tal-istrateġija kontra l-frodi u kontra l-korruzzjoni għall-implimentazzjoni, l-awditjar u l-kontroll tal-appoġġ tal-Unjoni, miżuri leġiżlattivi li jiżguraw it-twettiq effettiv tal-investigazzjonijiet tal-OLAF u tal-kontrolli u l-investigazzjonijiet fuq il-post, inkluż il-forniment ta' assistenza nazzjonali u sanzjonijiet effettivi f'każ ta' nuqqas ta' kooperazzjoni, flimkien ma' kooperazzjoni operazzjonali msaħħa mal-OLAF permezz ta' obbligi mandatorji ta' assistenza għall-awtoritajiet nazzjonali kompetenti u segwitu mtejjeb tas-sejbiet investigattivi, kif ukoll il-parteċipazzjoni tal-Ungerija fil-kooperazzjoni msaħħa dwar l-istabbiliment tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew (UPPE). L-effettività tal-qafas kontra l-frodi u kontra l-korruzzjoni tissaħħaħ ulterjorment permezz tal-użu sistematiku ta' għodod għall-analiżi tar-riskju u għall-estrazzjoni tad-data, inklużi uploads obbligatorji tad-data, segwitu strutturat tar-riskji identifikati, u l-integrazzjoni tar-riżultati tal-kejl tar-riskju fil-proċessi tat-teħid ta' deċiżjonijiet, appoġġati minn kontrolli tal-awditjar dwar il-kompletezza u l-affidabbiltà tad-data sottostanti. Dawn is-salvagwardji istituzzjonali jinkludu wkoll l-istabbiliment ta' funzjoni indipendenti tal-awditjar intern u tal-integrità b'setgħat investigattivi fir-rigward tal-kunflitti ta' interess u tal-irregolaritajiet, ikkomplementata minn kanali ta' żvelar ta' informazzjoni protetta u minn verifika sistematika tad-dikjarazzjonijiet, kif ukoll garanziji msaħħa tal-indipendenza funzjonali u baġitarja tal-awtorità tal-awditjar, li jiżguraw ippjanar pluriennali tal-awditjar, awtonomija metodoloġika u konformità ma' standards tal-awditjar aċċettati internazzjonalment. Dan huwa żgurat b'mod partikolari permezz tal-istadji importanti li ġejjin: 76, 77, 78, 79, 80, 82. Barra minn hekk, ġew stabbiliti seba' stadji importanti biex jiġu żgurati b'mod partikolari t-tisħiħ tal-qafas kontra l-korruzzjoni, it-trasparenza tal-użu tal-fondi pubbliċi u s-sorveljanza tagħhom, inkluż l-appoġġ tal-Unjoni (dan huwa żgurat permezz tal-istadji importanti 54, 55, 57, 58, 59, 62 u 63). Ġew stabbiliti tliet stadji importanti biex tiżdied it-trasparenza u l-kompetizzjoni fl-akkwist pubbliku (dan huwa żgurat permezz tal-istadji importanti 66, 68 u 69). Ġew stabbiliti erba' stadji importanti biex tissaħħaħ l-indipendenza ġudizzjarja, li hija prerekwiżit għall-funzjonament ta' sistema ta' kontroll intern (dan huwa żgurat permezz tal-istadji importanti 71, 72, 73 u 74).

- (58) Il-Kummissjoni tqis li b'mod ġenerali, is-sistema ta' kontroll intern tal-RRP il-ġdid Ungeriż hija adegwata, filwaqt li tqis ukoll l-24 stadju importanti relatati mas-sistema ta' kontroll Ungeriża li għandhom l-għan li jipproteġu l-interessi finanzjarji tal-Unjoni li huma prekundizzjoni għal kwalunkwe pagament skont l-Artikolu 24 tar-Regolament (UE) 2021/241. Meta jitqies li daww l-istadji importanti huma mfassla sabiex jiżguraw

il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni u l-istabbiliment ta' sistema ta' kontroll adegwata, qabel ma kwalunkwe pagament taħt il-Faċilità jiġi awtorizzat mill-Kummissjoni, l-Ungerija jenħtieġ li twettaq l-istadji importanti kollha relatati mas-sistema ta' kontroll⁷ qabel il-preżentazzjoni ta' talba għal pagament, u l-ebda pagament taħt il-Faċilità ma jenħtieġ li jsir qabel ma dawn jitwettqu. Għadd minn dawn il-miżuri tressqu mill-Ungerija fil-kuntest tal-proċedura skont ir-Regolament dwar il-Kundizzjonalità. Il-kontenut tal-istadji importanti u tal-miri relatati huwa allinjat mal-impenji meħuda f'dak il-kuntest. Barra minn hekk, ġew inklużi dispożizzjonijiet biex tiġi żgurata l-applikazzjoni kontinwa tas-salvagwardji tal-awditjar u tal-kontroll lil hinn mill-2026. Barra minn hekk, l-assigurazzjoni tal-awditu tissaħħaħ permezz tal-inklużjoni ta' dispożizzjonijiet speċifiċi relatati ma' kontrolli u awditi ex post imsaħħa, kif ukoll mal-verifika tal-konformità mar-regoli li jikkonċernaw il-frodi, il-korruzzjoni, il-kunflitti ta' interess u l-finanzjament doppju.

Koerenza tal-RRP il-ġdid

- (59) F'konformità mal-Artikolu 19(3), il-punt (k), u mal-Anness V, il-kriterju 2.11, tar-Regolament (UE) 2021/241, l-RRP il-ġdid jinkludi fil-biċċa l-kbira (Klassifikazzjoni A) miżuri għall-implimentazzjoni ta' riformi u proġetti ta' investiment pubbliku li jirrappreżentaw azzjonijiet koerenti.
- (60) L-RRP il-ġdid huwa strutturat fi 11-il komponent koerenti bejniethom, li jappoġġaw it-tisħiħ tal-ekonomija, tal-impjegi u tal-eżiti soċjali, u javvanzaw it-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali. L-investimenti fl-Ilma u ċ-Ċirkolarità, fit-Trasport, fir-REPowerEU kif ukoll il-kontribuzzjonijiet volontarji għall-programmi Gigafabbrika tal-IA u IRIS², isaħħu l-konsistenza tal-pjan, billi jiżguraw li l-istrateġija ta' rkupru tal-Ungerija tibqa' allinjata mal-prijoritajiet fit-tul tagħha: it-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali, is-sigurtà tal-enerġija, u r-reżiljenza soċjoekonomika. Il-pjan jinkludi miżuri li joħolqu effetti multiplikaturi, li jaċċelleraw il-progress lejn l-għanijiet strateġiċi tal-Ungerija. L-interazzjoni bejn id-dekarbonizzazzjoni tat-trasport u l-iżvilupp tal-grilja elettrika hija mistennija li twassal għal bidliet sistemiċi. L-elettrifikazzjoni ta' sezzjonijiet ferrovjarji żżid id-domanda għal elettriku nadif, li hija ssodisfata mill-modernizzazzjoni tal-grilja elettrika, li min-naħa tagħha tappoġġa l-espansjoni tal-istazzjonijiet tal-iċċarġjar tal-vetturi elettriċi. Il-kapaċità u l-flessibbiltà msaħħa tal-grilja elettrika (miksba permezz ta' investimenti f'faċilitajiet ta' ħżin tal-grilja intelliġenti u aġġornamenti tat-trażmissjoni) huma essenzjali għall-ġestjoni tat-tagħbija addizzjonali mit-trasport elettrifikat. Il-miżuri inklużi jkomplu jsaħħu t-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali tal-Ungerija. Il-Komponent 6 (Enerġija) u r-REPowerEU jinkludu miżuri mmirati lejn segmenti differenti tas-sistema tal-enerġija. Filwaqt li l-appoġġ tal-pannelli solari residenzjali jagħti s-setgħa lill-unitajiet domestiċi biex jiġġeneraw l-enerġija rinnovabbli tagħhom stess, l-iżvilupp tal-enerġija mir-riħ fuq l-art jiffoka fuq il-kapaċità rinnovabbli fuq skala kbira u r-riformi relatati mal-enerġija ġeotermali jisfruttaw il-potenzjal għat-tisħin industrijali u distrettwali. L-iżvilupp tal-grilja elettrika jaġixxi bħala miżura komplementari kritika billi jiżgura li l-infrastruttura ta' trażmissjoni u distribuzzjoni tkun tista' takkomoda ż-żieda fil-kapaċità u l-varjabbiltà ta' dawn is-sorsi ta' enerġija rinnovabbli. Fir-rigward tat-trasformazzjoni diġitali, il-kontribuzzjonijiet volontarji l-ġodda għall-programmi Gigafabbrika tal-IA u IRIS² isaħħu l-kapaċitajiet tal-computing ta' prestazzjoni għolja, filwaqt li d-

⁷

Dan huwa l-każ għall-istadji importanti 54, 55, 57, 58, 59, 62, 63, 66, 68, 69, 71, 72, 73, 74, 75, 76, 77, 78, 79, 80, 81, 82, 83, 84.

diġitalizzazzjoni tal-kura tas-saħħa timmodernizza l-ħgoti tas-servizzi pubbliċi. Id-disseminazzjoni tal-miters intelliġenti, li hija miżura komplementari oħra, ittejjeb l-effiċjenza enerġetika u l-ġestjoni tal-grilja elettrika billi tipprovdi data f'ħin reali dwar il-konsum. Dan jippermetti ġestjoni aħjar tad-domanda, li hija kritika hekk kif il-grilja elettrika tal-Ungerija tintegra aktar sorsi varjabbli ta' enerġija rinnovabbli. Flimkien, dawn l-investimenti jiżguraw li l-aspetti ewlenin tat-tranżizzjoni diġitali, kemm jekk industrijali, pubbliċi jew infrastrutturali, jiġu appoġġati.

Ugwaljanza

- (61) L-RRP il-ġdid jintegra l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u l-opportunitajiet indaqs bħala prijoritajiet trażversali, f'allinjament mal-Prinċipju 2 (Ugwaljanza bejn il-Ġeneri) u mal-Prinċipju 3 (Opportunitajiet Indaqs) tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali. Il-pjan jinkludi miżuri mmirati biex inaqqsu d-disparitajiet bejn il-ġeneri fl-edukazzjoni, fil-parteciġazzjoni fis-suq tax-xogħol, u fl-aċċess għal servizzi essenzjali. Fl-edukazzjoni u l-kura bikrija tat-tfal, il-ħolqien ta' 110 postijiet ġodda fil-faċilitajiet għall-indukrar tat-tfal (C1.I4) jenħtieġ li jappoġġa lill-ġenituri, b'mod partikolari lin-nisa, fl-ibbilanċjar tar-responsabbiltajiet familjari u professjonali, u b'hekk tissaħħaħ il-parteciġazzjoni tan-nisa fis-suq tax-xogħol. L-RRP il-ġdid jippromwovi wkoll edukazzjoni inklużiva permezz ta' miżuri biex titnaqqas is-segregazzjoni fl-iskejjel (C1.R1) u biex jiġu appoġġati studenti bi bżonnijiet edukattivi speċjali (C1.I2), filwaqt li jiġi żgurat aċċess ugwali għal edukazzjoni ta' kwalità għat-tfal kollha, irrispettivament mill-isfond soċjoekonomiku.

Awtovalutazzjoni tas-sigurtà

- (62) Ma ġiet ipprovduta l-ebda awtovalutazzjoni tas-sigurtà, peress li l-Ungerija ma qisix li din kienet xierqa, f'konformità mal-Artikolu 18(4), il-punt (g), tar-Regolament (UE) 2021/241. L-investimenti fl-RRP il-ġdid ikopru l-kontribuzzjoni volontarja għall-programmi Gigafabbrika tal-IA u IRIS². L-assigurazzjonijiet ta' sigurtà neċessarji jenħtieġ li jiġu stabbiliti bħala parti mill-eżekuzzjoni tal-programmi rispettivi.

Proġetti transfruntiera u multinazzjonali

- (63) L-RRP il-ġdid għandu dimensjoni transfruntiera u multinazzjonali b'saħħitha. Il-Kapitolu REPowerEU jinkludi riformi u investimenti ewlenin li jinċentivaw l-użu ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli, isaħħu s-swieq tal-flessibbiltà u r-reżiljenza tan-network tal-elettriku u jtejjbu l-effiċjenza enerġetika, u b'hekk jikkontribwixxu għat-tnaqqis tad-dipendenza fuq il-fjuwils fossili. L-iżvilupp tan-network tal-elettriku għandu l-għan li jappoġġa l-użu tal-enerġija rinnovabbli u jtejjeb il-konnessjonijiet tal-elettriku għall-konsumaturi u għall-produtturi. Flimkien mar-riformi li jinċentivaw il-ħżin tal-enerġija, il-konnessjoni tal-enerġija mir-riħ fuq l-art u l-funzjonament tas-suq tal-flessibbiltà, dan l-investment huwa miżura kritika li trawwem ir-reżiljenza tan-network tal-elettriku tal-UE u tnaqqas id-dipendenza fuq il-fjuwils fossili. Fl-aħħar nett, l-istrument finanzjarju li jappoġġa t-titjib fl-effiċjenza fl-enerġija tal-abitazzjonijiet residenzjali huwa faċilitatur li jimmultiplika l-effett tar-riformi u l-investment imsemmija hawn fuq permezz tat-tnaqqis tal-konsum tal-enerġija mill-unitajiet domestiċi. L-istima tal-kostijiet totali ta' dawn il-miżuri tammonta għal total ta' EUR 704 510 828, li jirrappreżentaw 100 % tal-istima tal-kostijiet tal-kapitolu REPowerEU, u b'hekk jaqbżu l-mira indikattiva ta' 30 %. Il-komponent REPowerEU għandu rwol ċentrali fl-indirizzar tar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż (CSRs) tal-Ungerija, speċifikament is-CSR 2022/5, is-CSR 2022/6, u s-CSR 2023/4, billi javvanza l-effiċjenza enerġetika, il-modernizzazzjoni tal-infrastruttura u l-

konnettività transfruntiera. Proġett ewlieni taħt din l-iskema huwa l-elettrifikazzjoni tal-linja ferrovjarja Szeged-Röszke, li testendi sal-fruntiera tal-Ungerija mas-Serbja, flimkien mal-kostruzzjoni ta' binarju delta elettrifikat ġdid li jgħaqqad il-linji ferrovjarji 136 u 140. Dawn l-aġġornamenti jenħtiegħ li jtejb u l-effiċjenza tat-trasport ferrovjarju transfruntier, inaqqsu d-dipendenza fuq il-fjuwils fossili, u jallinjaw mal-għanijiet tal-UE dwar id-dekarbonizzazzjoni u l-mobbiltà sostenibbli. Billi jimmodernizza l-infrastruttura kritika, il-proġett jappoġġa t-tranżizzjoni ekoloġika tal-Ungerija, isahha ir-rabtiet ekonomiċi reġjonali u jtejjeb il-loġistika kemm għas-servizzi tal-passiġġieri kif ukoll tal-merkanzija. L-inizjattiva tirrifletti objettivi usa' tar-REPowerEU, fosthom l-aċċellerazzjoni tal-indipendenza enerġetika, it-tisħiħ tal-integrazzjoni rinnovabbli u t-tisħiħ tar-reżiljenza tat-trasport fl-UE kollha, filwaqt li tindirizza d-disparitajiet soċjoekonomiċi permezz ta' investimenti mmirati fl-enerġija u fl-infrastruttura. Il-kontribuzzjoni tal-Ungerija ta' EUR 500 000 000 għall-inizjattiva Gigafabbrika tal-IA għandha dimensjoni transfruntiera ċara. Il-Gigafabbriki tal-IA huma infrastrutturi strateġiċi fil-livell tal-Unjoni mfassla biex jipprovdu lir-riċerkaturi, lill-istartups u lin-negozji Ewropej fl-Istati Membri kollha b'aċċess għal qawwa komputazzjonali fuq skala kbira u għal kapaċitajiet ta' taħriġ għal mudelli avvanzati tal-IA. Il-benefiċċji tal-investment – f'termini ta' kapaċità kondiwiża tal-IA, aċċess miftuħ għar-riżorsi tas-supercomputing u t-tisħiħ tas-sovranià teknoloġika tal-UE – huma, min-natura stess tad-disinn, maħsuba biex jestendu ferm lil hinn mill-fruntieri tal-Ungerija. Fl-aħħar nett, il-kontribuzzjoni tal-Ungerija ta' EUR 500 000 000 għall-programm tal-kostellazzjoni IRIS² għandu dimensjoni transfruntiera inerenti. L-infrastruttura u l-benefiċċji tal-IRIS² – inklużi reżiljenza msaħħa tal-komunikazzjonijiet u dipendenza mnaqqsa fuq fornituri mhux tal-UE – huma, min-natura stess tad-disinn, maħsuba biex jakkumulaw fl-Istati Membri kollha, ferm lil hinn mill-fruntieri tal-Ungerija.

Proċess ta' konsultazzjoni

- (64) Ir-riformi u l-investimenti inklużi fl-RRP il-ġdid għaddew minn konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati f'konformità mal-qafas legali nazzjonali. B'mod partikolari, il-miżuri ttrasferiti mill-RRP preċedenti għall-RRP il-ġdid kienu soġġetti għal konsultazzjoni pubblika fiż-żmien tal-preżentazzjoni ta' dak il-pjan. Barra minn hekk, il-miżuri u l-investimenti ttrasferiti minn programmi oħra tal-Unjoni għall-RRP il-ġdid kienu soġġetti għal aktar konsultazzjonijiet qabel ma ġew ippublikati s-sejthiet rispettivi tagħhom. Barra minn hekk, il-miżuri l-ġodda inklużi fl-RRP il-ġdid tal-Ungerija ġew ikkonsultati mal-partijiet ikkonċernati fil-kumitat ta' monitoraġġ tal-RRP u jinsabu fil-proċess ta' konsultazzjonijiet ulterjuri filwaqt li qed jitnedew f'konformità mal-qafas nazzjonali.

Miżuri li jappoġġaw operazzjonijiet tal-investment li jikkontribwixxu għall-objettivi tal-Pjattaforma tat-Teknoloġiji Strateġiċi għall-Ewropa (STEP)

- (65) F'konformità mal-Artikolu 4(4) tar-Regolament (UE) 2024/795 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' Frar 2024 li jstabbilixxi l-Pjattaforma tat-Teknoloġiji Strateġiċi għall-Ewropa (STEP), l-Ungerija qieset bħala kwistjoni ta' prijorità proġetti li ngħataw is-Siġill tas-Sovranità skont l-Artikolu 4(1) tar-Regolament (UE) 2024/795. Madankollu, l-Ungerija qieset li l-ebda proġett li ngħata Siġill tas-Sovranità ma kellu jiġi inkluż fl-RRP il-ġdid minħabba n-nuqqas ta' żmien biex jitlestha tali proġett qabel id-data ta' tmiem tal-RRF.

Valutazzjoni pożittiva

- (66) Wara l-valutazzjoni pożittiva tal-Kummissjoni dwar l-RRP il-ġdid tal-Ungerija bis-sejba li l-RRP il-ġdid jikkonforma b'mod sodisfaċenti mal-kriterji għall-valutazzjoni stabbiliti fir-Regolament (UE) 2021/241, f'konformità mal-Artikolu 20(2) u mal-Anness V ta' dak ir-Regolament, din id-Deċiżjoni jenħtieġ li tistabbilixxi r-riformi u l-proġetti ta' investiment meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-RRP il-ġdid, l-istadji importanti, il-miri u l-indikaturi rilevanti, u l-ammont magħmul disponibbli mill-Unjoni għall-implimentazzjoni tal-RRP il-ġdid fil-forma ta' appoġġ finanzjarju u tas-self mhux ripagabbli.

Kontribuzzjoni finanzjarja

- (67) Il-kost totali stmat tal-RRP il-ġdid huwa ta' EUR 10 000 000 000, li huwa ekwivalenti għal HUF 3 553 302 225 000 abbażi tar-rata ta' referenza medja tal-BĊE EUR/HUF tad-9 ta' Ġunju 2026. L-ammonti f'euro msemmija fid-deskrizzjonijiet tal-miżuri u l-istadji importanti u l-miri korrispondenti ġew ikkalkulati fuq l-istess bażi u jenħtieġ li jiġu vvalutati filwaqt li jitqies dan il-fatt.
- (68) Peress li l-RRP il-ġdid jikkonforma b'mod sodisfaċenti mal-kriterji ta' valutazzjoni stabbiliti fir-Regolament (UE) 2021/241 u, barra minn hekk, peress li l-ammont tal-kostijiet totali stmati tal-RRP il-ġdid huwa oġġla mill-kontribuzzjoni finanzjarja massima disponibbli għall-Ungerija, il-kontribuzzjoni finanzjarja allokata għall-RRP il-ġdid tal-Ungerija jenħtieġ li tkun ugwali għal EUR 6 511 661 435.
- (69) Barra minn hekk, sabiex jiġu appoġġati riformi u investimenti addizzjonali, appoġġ totali fil-forma ta' self ta' EUR 3 918 313 481 jenħtieġ li jsir disponibbli għall-Ungerija. L-ammont tal-kostijiet totali stmati tal-RRP il-ġdid huwa anqas mill-kontribuzzjoni finanzjarja kkombinata disponibbli għall-Ungerija u l-appoġġ fil-forma ta' self li kien sar disponibbli għall-Ungerija. Għalhekk, l-appoġġ totali fil-forma ta' self disponibbli għall-Ungerija jenħtieġ li jitnaqqas għal EUR 3 488 338 565. Il-volum massimu tas-self mitlub mill-Ungerija huwa anqas minn 6,8 % tal-introjtu nazzjonali gross tagħha fl-2019 fi prezzijiet attwali.
- (70) Għaldaqstant, id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tal-15 ta' Diċembru 2022 jenħtieġ li tiġi emendata kif xieraq. Għall-finijiet taċ-ċarezza, l-Anness għad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tal-15 ta' Diċembru 2022 jenħtieġ li jiġi sostitwit kompletament.
- (71) Din id-Deċiżjoni jenħtieġ li tkun mingħajr preġudizzju għall-eżitu ta' kwalunkwe proċedura relatata mal-ġoti ta' fondi tal-Unjoni skont kwalunkwe programm tal-Unjoni ħlief għall-Faċilità jew għal proċeduri relatati ma' distorsjonijiet tal-operazzjoni tas-suq intern li jistgħu jitwettqu, b'mod partikolari skont l-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat. Din ma tneħħix l-obbligu tal-Istati Membri li jinnotifikaw lill-Kummissjoni b'każijiet ta' għajjuna mill-Istat potenzjali skont l-Artikolu 108 tat-Trattat.

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-RRP il-ġdid

Il-valutazzjoni tal-RRP il-ġdid tal-Ungerija fuq il-bażi tal-kriterji previsti fl-Artikolu 19(3) tar-Regolament (UE) 2021/241 hija approvata. Ir-riformi u l-proġetti ta' investiment skont l-RRP il-ġdid, l-arranġamenti u l-iskeda ta' żmien għall-monitoraġġ u l-implimentazzjoni tal-RRP il-ġdid, inklużi l-istadji importanti u l-miri rilevanti u l-istadji importanti u l-miri

addizzjonali relatati mal-pagament tas-self, l-indikaturi rilevanti marbuta mal-issodisfar tal-istadji importanti u l-miri previsti, u l-arranġamenti biex il-Kummissjoni tagħti aċċess sħiħ għad-data rilevanti sottostanti huma stabbiliti fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tal-15 ta' Diċembru 2022 dwar l-approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-RRP għall-Ungerija hija emendata kif ġej:

- (1) fl-Artikolu 2, il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“1. L-Unjoni għandha tqiegħed għad-dispożizzjoni tal-Ungerija kontribuzzjoni finanzjarja fil-forma ta' appoġġ mhux ripagabbli li jammonta għal EUR 6 511 661 435.”⁸
- (2) fl-Artikolu 2a, il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“1. L-Unjoni għandha tqiegħed għad-dispożizzjoni tal-Ungerija self li jammonta għal massimu ta' EUR 3 488 338 565.”
- (3) L-Anness huwa sostitwit bit-test stipulat fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 3 *Destinatarju*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Ungerija.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill
Il-President

⁸ Dan l-ammont jikkorrispondi għall-allokazzjoni finanzjarja wara t-tnaqqis tas-sehem proporzjonali tal-Ungerija tal-ispejjeż imsemmija fl-Artikolu 6(2) tar-Regolament (UE) 2021/241, ikkalkulat skont il-metodoloġija stabbilita fl-Artikolu 11 ta' dak ir-Regolament.